**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Nru: 276/07 MLF**

**Joseph Saliba**

**Vs**

**Dr Alfred Sant bhala mexxej u Jason Micallaef bhala Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Labour Party, u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 wara l-kliem "Segretarju Generali" zdiedu il-kliem "Dr Stefan Zrinzo Azzopardi bhala President", u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2008, gew kancellati l-kliem "Dr Alfred Sant bhala mexxej u", u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2010, il-kliem "Malta Labour Party" inbidlu f'"Partit Laburista"**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab lil din il-Qorti li (a) prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-istqarrija tal-Malta Labour Party ppubblikata lill-media fit-28 ta' Awwissu, 2007 (Dok.A) hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tiegħu, (b) tikkundana lil Malta Labour Party ihallas lill-attur dik is-somma li

tiġi llikwidata minn din il-Qorti a tenur tal-Art. 28 tal-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti nomine fejn eċċepixxew:

1. Preliminarjament illi l-esponent Dr. Alfred Sant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa m'għandux ir-rappreżentanza tal-Malta Labour Party.
2. Illi l-eċċepjent Jason Micallef m'għandux waħdu r-rappreżentanza tal-Malta Labour Party.
3. Illi fil-meritu l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur mhijiex libelluża fil-konfront tiegħu.
4. Illi subordinatament u bla pregudizzju għas-sueċċepit, l-istess pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti fl-espressjoni tal-fehmiet tal-Partit Laburista u kienet intiża bħala kritika politika mill-istess partit, u in oltre huwa fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibli kemm taħt il-Liġi tal-Istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2008,[1] fejn in vista tad-digrieti ta' din il-Qorti li ikkorreggew l-okkju tal-kawza, u li r-rikors kif korrett gie notifikat lil Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi, il-konvenuti irtiraw l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet taghhom.

Fl-istess seduta gie verbalizzat hekk *"In oltre gie kjarifikat li l-eccezzjoni* (recte eccezzjonijiet) *rimanenti japplikaw ukoll ghall-konvenut Dr Stefan Zrinzo Azzopardi."*

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

[1] Ara fol. 15 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza ta' libell huma s-segwenti:

1. Fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Press Release, l-attur kien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, il-Partit li kien fil-Gvern dak iz-zmien.
2. Bhala Segretarju Generali hu wkoll membru tal-Kunsill Amministrattiv tal-Partit Nazzjonalista li hu kompost minn tmintax (18)-il persuna.
3. L-attur hu habib ta' Nazzereno Vassallo.
4. Nazzareno Vassallo kien ghal xi zmien sindku tal-Mosta, jirrapprezenta lill-Partit Nazzjonalista u fiz-zmien in kwistjoni kien membru tal-Kunsill Generali, u ghamel zmien membru tal-Kumitat sezzjonali tal-Mosta. Saz-zmien in kwistjoni kien ghadu tesserat tal-Partit Nazzjonalista, jattendi bil-miftuh hafna attivitajiet tal-istess partit kif ukoll jattendi meta jkun hemm l-ghadd tal-voti anke tal-Kunsilli Lokali.
5. Inoltre Nazzareno Vassallo hu kuntrattur u kien wiehed mill-kuntratturi maghzula mill-Kunsill Amministrattiv tal-Partit Nazzjonalista biex jibni l-Head Quarters tal-istess partit. Nazzareno Vassallo kien jirbah ukoll tenders mahruga mill-Gvern ghall-kuntratti pubblici.
6. Fiz-zmien in kwisjoni l-attur mar vaganza fuq il-yacht ta' Nazzareno Vassallo, flimkien mal-familji rispettivi taghhom u damu xi ghaxart (10) ijiem imsiefrin. Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li *"ilna mmorru mhux hazin fuq dawn il-btaliet."*
7. Fit-28 t'Awissu 2007, il-Malta Labour Party, illum maghruf bhala il-Partit Laburista, wara li sar maghruf li l-attur mar vaganza fuq il-yacht ta' Nazzareno Vassallo, hareg stqarrija intestata *"Klikka ta' hbieb tal-hbieb bil-fatti"* u l-attur jallega li partijiet ta' din l-istqarrija huma malfamanti u libelluzi fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li hassu malfamat bit-tieni (it-tielet) u l-hames paragrafi tal-istqarrija:

It-tielet paragrafu tal-istqarrija taghmel is-segwenti mistoqsijiet:

- *"Minn fejn nibtet il-hbiberija bejn is-Segeretarju Generali tal-partit fil-Gvern u l-kuntrattur Zaren Vassallo?*
- *Kemm tmur lura fiz-zmien din il-hbiberija?*
- *Kemm-il kuntratt rebah Zaren Vassallo fuq xoghol tal-PN u progetti kbar tal-gvern minn kemm ilu Segretarju Generali tal-PM Joe Saliba?"*

L-ewwel sentenza tal-hames paragrafu tghid hekk *"Bl-attitudni ta' Joe Saliba ma tlumx lill-poplu Malti u Ghawdxi li mhux biss jitlef il-fiducja fl-amministrazzjoni pubblika izda jiftakar kif il-kuntratti jinghataw lill-hbieb tal-hbieb."*

Ma ngabu l-ebda provi li l-attur kien involut fl-ghoti ta' kuntratti pubblici li inghataw mill-Gvern jew li qatt indahal f'dan il-qasam. Pero bhala membru mill-Kunsill Amministrattiv tal-Partit Nazzjonalista ikun involut f'kuntratti li jinghataw mill-Partit Nazzjonalista. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-attur jissottometti li fl-istqarrija l-Partit Laburista qed jallega li ladarba huwa habib ta' Zaren Vassallo u ufficjal gholi tal-gvern, Vassallo qed jinghata kuntratti mill-gvern minhabba l-hbiberija li ghandu mal-attur.

Qabel din il-Qorti se tikkunsidra jekk il-partijiet succitati tal-istqarrija jikkostitwux malafama fil-konfront tal-attur, il-Qorti se tikkunsidra l-gurisprudenza in materja. Il-gurisprudenza fuq il-libelli giet imwessa sewwa bis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Fenech pro et noe vs. Carmelo Callus**, deciza fl-4 ta' Frar 1994 mill-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XXIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati izda wkoll il-**gurisprudenza** tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi*

*ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu access ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani."*

F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-**Handyside Case** (deciz fid-29 ta' April 1976) sabiex tispjega x'tifhem il-Qorti Ewropea bil-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea qalet hekk:
*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the priciples characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued.".*

Din il-gurisprudenza wessghet sensibbilment l-area tal-leggitimita tad-dritt tal-espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dak li huwa d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa. Dan, b'mod partikolari ghal kamp politiku, u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata ghaddiet biex tikkwota b'approvazzjoni s-segwenti bran mil-**Lingens Case** tat-8 ta' Lulju 1986:

*"Freedom of the press furthermore affords the public, one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which pervades throughout the Convention;*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt article 10(2) enables the reputation of others – that is to say, of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity but in such*

*cases, the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues."*

Pero tajjeb li jinghad li anke qabel inghatat din is-sentenza ta' **Anglu Fenech vs Carmelo Callus** fl-1994, il-Qrati taghna kienu diga mixjin f'din id-direzzjoni. Fis-sentenza **L-Onorevoli Lorry Sant M.P. vs. Victor Camilleri et**, deciza in prim'istanza fid-29 ta' Novembru 1991, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:

*"Dawn huma l-fatti centrali ta' "news value" li dwarhom giet mibnija l-istorja taz-zewg artikoli. Mhux kontestat mill-attur li dawn huma korretti. ... ... L-attur bazikament qed jilmenta li l-gurnal ta "slant" ingust lil dawn il-fatti fil-konfront tieghu, bil-hsieb li jaghmillu l-hsara. Dan jista' jkun veru u hu presumibbli li fil-politika, bhal f'partita boxing, id-daqqiet huma mahsuba generalment biex iwegghu, jew jaghtu vantagg politiku lill-avversarju, imma mhux b'daqshekk necessarjament ma jkunux "fair" jew legittimi. Dan ifisser li mhux kull meta artikolu jarreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett, bil-fors dan ikun libelluz. Id-detto ingliz "facts are sacred but comment is free", ghalkemm kultant abbuzat u mhux dejjem facli biex tigi determinata l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-fatt u l-kumment, ghandu hafna valur u fil-kaz in ezami jrid verament jigi applikat. ... ...*

*... ... Fl-assjem taghhom, il-Qorti tqis li l-artikoli ma kienux mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku. Huma intizi biex jaghtu interpretazzjoni – anki jekk ghal kollox pregudikata u partigjana - ta' fatti "politici", anki jekk bi hsieb li jaghmlu hsara politika lill-attur u jgibu disgwid fil-kamp politiku oppost. Dan fil-fehma tal-Qorti, fil-limiti li ser jinghad aktar 'l isfel, hu esercizzju legittimu, anki jekk jista' jkun kontroproduttiv, jekk ma jsirx b'mod ghaqli u bilancjat. ... ... F'dan l-appezzament il-Qorti ttendi ghall-konvinciment illi ma jirriultax fl-artikoli l-animus injuriandi, il-"malicious intent", li trid il-ligi biex tigi eradikata b'success l-azzjoni ta' libell.*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi l-principji fuq ennunzjati ghandhom jigu liberament applikati f'dawk il-kazijiet fejn:*

1. *Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta pubblika;*
2. *Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku, anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;*

3. *Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar* <u>*fatti*</u> *li jkunu* <u>*sostanzjalmen*</u>*t veri.*

*Il-Qorti, f'dawn il-kazijiet, ghandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll azzardata entro l-limiti acettati tad-decenza, permissibbli f'socjeta demokratika. Dan ghaliex temmen li s-sanzjoni vera ghall-kritika ingusta jew ezagerata li tirrizulta bla bazi, hi finalment it-telf tal-kredibilita tal-persuna li tkun qed taghmel il-kritika. Il-qarrej ordinarju ghandu jigi kreditat b'sens komun bizzejjed li jaghraf il-kritika serja minn dik frivola jew azzardata, u minn dan li jingharaf il-gurnalizmu mill-iskart.*

*Mill-banda l-ohra hu ta' l-essenza tal-process demokratiku u tal-liberta tad-dritt fondamentali tal-liberta tal-espressjoni permezz tal-istampa, id-dritt tal-analizi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni taghhom. L-istess bhal kritika, din l-analizi u interpretazzjoni tal-fatti issib in-nawfragju taghha fir-rigett tal-opinjoni pubblika, jekk tkun manifestament ingusta jew azzardata, b'mod li fatti sussegwenti kif jizvolgu ruhhom jismentixxu l-konkluzjonijiet tal-artikolista. Huwa hawn li l-persuna involuta li lejha tkun giet diretta l-kritika, issib ir-rivendikazzjoni taghha u takkwista statura fil-konfront ta' min ikun silet konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet zbaljati mill-fatti li jkunu sostanzjalment pruvati bhala veritjeri."* (ara fl-istess sens is-sentenza **Mons. Anton Gauci vs. Michael Schiavone noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 1995).

Il-Qorti issa sejra tapplika dawn il-principji ghal-kaz odjern.

Ma hemmx dubbju li l-attur huwa bniedem involut direttament fil-politika stante li fiz-zmien rilevanti kien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista. In oltre, ghalkemm l-attur ma kienx involut direttament fl-amministrazzjoni tal-Gvern, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attur kien persuna importanti anke fil-Gvern. Dan ghaliex kien s-Segretarju tal-Partit li qieghed fil-Gvern u cioe is-Segretarju tal-Partit li rebah elezzjoni fuq manifest elettorali ta' dak il-Partit, li mbaghad il-Gvern irid jattwaha. Ghalhekk, l-attur kien Segretarju tal-Partit li jiehu d-decizjonijiet li fuqhom jimxi l-Gvern, u ghalhekk certament ma jistax ma jitqiesx bhala persuna importanti anki fil-Gvern.

Din il-Qorti lanqas ghandha dubbju li Nazzareno Vassallo kien ukoll fiz-zmien rilevanti involut fil-politika, tant li ghamel zmien sindku jirrapprezenta lill-Partit Nazzjonalista, tesserat fil-Partit Nazzjonalista, jattendi l-attivitajiet tal-istess partit, u sahansitra ikun prezenti

waqt l-ghadd tal-voti tal-elezzjonijiet. M'hemmx dubbju ghalhekk li hawnhekk qieghdin f'dik l-arena politika fejn id-dritt tal-espressjoni jrid jigi ttollerat fi grad hafna aktar mis-soltu jew min-normal.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jghid li l-istqarrija tghid li huwa *"ufficjal gholi tal-Gvern"*. Dan mhux korrett. Fl-istqarrija tghid testwalment hekk: *"Il-btala fil-Mediterran tas-Segretarju tal-PN Joe Saliba fimkien mal-kuntrattur Zaren Vassallo fuq il-yacht lussuz ta' dan tal-ahhar hija prova ohra ta' kemm l-ghola esponenti tal-PN u tal-gvern huma personalment qrib hafna ta' certi kuntratturi ewlenin f'pajjizna."* Il-Qorti tirrileva li l-parti sottolineata minnha hija miktuba fil-plural u tirreferi ghal persuni ohra mhux identifikati li huma esponenti gholja tal-Partit Nazzjonalista u tal-Gvern, u l-allegati hberiji esagerati taghhom ma' certi kuntratturi ewlenin f'Malta. Naturalment l-attur jikkwalifika bhala esponent gholi tal-Partit Nazzjonalista.

L-istqarrija tikkostitwixxi l-opinjoni tal-Partit Laburista fuq dak li dan il-Partit – ghandu ragun jew m'ghandux mhux relevanti ghal din il-vertenza – jippercepixxi bhala hbiberiji esagerati tal-ghola esponenti tal-Partit Nazzjonalista u tal-Gvern li fl-opinjoni tal-istess partit qed iwasslu ghal sfiducja tal-poplu fl-amministrazzjoni. Fl-opinjoni tal-Partit Laburista, - taqbel jew ma taqbilx maghha - l-attur bl-agir tieghu qabez il-limiti tal-hbiberija li ghandu jkun hemm bejn politiku u kuntrattur. Din hi certament kwistjoni ta' interess pubbliku, u certament il-Partit Laburista kellu kull dritt jaghti l-opinjoni tieghu fuq din il-kwistjoni.

Il-kritika li ghamel il-Partit Laburista f'din l-istqarrija hija bbazata fuq fatti sostanzjalment veri. Imkien fl-istqarrija ma jinghad li Nazzareno Vassallo ha l-kuntratti minghand il-Gvern b'mod illegali. Jinghad biss li l-poplu Malti u Ghawdxi ghandu jiftakar *"l-kuntratti qed jinghataw lill-hbieb tal-hbieb"* – u cioe hbieb kemm ta' ufficjali gholja tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll tal-Gvern, minghajr ma gie specifikat xi hadd partikolari. Imkien fl-istqarrija ma jintqal jew gie allegat li Nazzareno Vassallo xi darba ha kuntratt minghand il-Gvern, minhabba l-hbiberija tieghu mal-attur.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, id-domandi maghmula fit-tielet paragrafu tal-istqarrija huma certament legittimi fil-kuntest tad-dibattitu politiku demokratiku dwar jekk dawn il-hbiberiji mal-kuntratturi – li l-Partit Laburista jikkunsidra bhala esagerati – iwasslu ghall sfiducja fl-istuzzjonijiet tal-Gvern. Certament li partit politiku ghandu dritt

fundamentali li jwassal l-opinjoni tieghu biex jinfluwenza lin-nies u jikkritika wkoll dak li ma jaqbilx mieghu, partikolarment fejn si tratta ta’ personaggi pubblici u l-qasam politiku.

Min-naha l-ohra, l-attur bhala persuna politika ghandu obbligu li jkun hafna iktar tolleranti minn persuni normali ghall-kritika li ssirlu.

Fl-assjem tal-provi kollha, il-Qorti tqis li l-fatti fl-istqarrija huma sostanzjalment korretti, u li l-opinjoni espressa fuqhom mill-Partit Laburista ma teccedix il-liberta tal-espressjoni garantita bil-Kostituzzjoni (Artikolu 41) u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani (Artikolu 10), kif dak id-dritt u liberta ghandhom ikunu f’socjeta demokratika.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, u tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**